DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR162855** **13.12.2016**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦAD-DJALOGU SOĊJALI, AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR U LIBERTAJIET ĊIVILI**

***Lejn qafas legali ġdid għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem...proposta kummissjoni indipendenti mill-gvern li tkun tirrispondi direttament lill-Parlament***

Permezz ta' żewġ abbozzi ta' liġi ġodda li se jitressqu fil-Parlament, il-gvern se jkun qed iwaqqaf kummissjoni ġdida dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza msejsa fuq il-Prinċipji ta' Pariġi li se tkun tirrispondi dirett lill-Parlament, bil-Kummissarju jinħatar b'żewġ terzi tal-Kamra.

Din il-Kummissjoni, li mistennija tieħu post il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza l-NCPE, u li preżentament hija entità governattiva, se tkun waħda totalment awtonoma u se jkollha l-poter li tinvestiga kwalunkwe forma ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Dan se jkun jista' jsir kemm permezz ta' ilment ta' persuna kif ukoll fuq inizjattiva tal-Kummissjoni stess.

Dettalji dwar dan ingħataw f'konferenza tal-aħbarijiet mill-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili Helena Dalli f'konferenza tal-aħbarijiet fil-bini tal-Parlament.

Il-Ministru Dalli fissret dan il-pass bħala wieħed mill-aktar sinifikanti fejn il-gvern se jkun ineħħi entità li taqa' taħt ministeru u jagħmilha waħda indipendenti kompletament mill-gvern. Semmiet kif filwaqt li l-amministrazzjoni preċedenti ġiet ipprezentata b'abbozz ta' liġi f'dan il-qasam, qatt ma ttella'għad-diskussjoni.

"Kellu jkun dan il-gvern li wara li lleġiżla favur il-minoranzi permezz ta' bosta liġijiet, issa se jkun qed jagħmel qabża oħra ta' kwalità fejn jidħlu drittijiet tal-bniedem billi jippreżenta żewġ abbozzi oħra, wieħed dwar l-Ugwaljanza u ieħor dwar il-Kummissjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza" qalet Dr Dalli.

Il-Ministru Dalli semmiet kif il-proċess ta' konsultazzjoni dwar din il-liġi kien wieħed metodiku u fi tliet stadji li bnew fuq xulxin. Qalet li l-gvern lest li jkompli jisma' u jikkunsidra emendi li jidhirlu li huma tajbin tul il-proċess parlamentari.

Dr Dalli qalet li dan huwa l-isbaħ mod kif il-gvern ifakkar il-Jum Internazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Id-Direttur fi ħdan id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza Silvan Agius fisser kif din il-proposta ta' liġi qed testendi għall-oqsma kollha tal-ħajja, bl-abbozz tal-ugwaljanza se jkun qiegħed jgħaqqad il-liġijiet kollha dwar l-ugwaljanza f'liġi waħda. Qal li permezz t'hekk, se jkun



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

qed jiġi assigurat li kull karatteristika, fosthom razza, ġeneru jew diżabilità jkunu protetti b'mod ugwali.

Silvan Agius spjega li l-liġi se tkun waħda intersezzjonali (*intersectionality*) fejn tkopri persuni li jkunu qed ibatu minn bosta diskriminazzjonijiet fl-istess ħin.

Il-Ministru Helena Dalli se tkun qed tippreżenta l-ewwel qari fil-Parlament taż-żewġ abbozzi ta' liġi nhar l-Erbgħa li ġej.